# Paulo Freire Institute (PFI)



*Fr Vincent Magri SJ*

Il-*Paulo Freire Institute* huwa ċentru ta' ħidma li ssir favur il-fqar u dawk li huma soċjalment esklużi. Għaliex insejħu ċ-Ċentru Paulo Freire? Paulo huwa Brażiljan. Twieled fl-1921 u miet fl-1997. Kien studjuż u riċerkatur fl-edukazzjoni ta' fama mondjali. Kellu ħajja mhix faċli minħabba l-kitbiet kontroversjali tiegħu. Kien studjuż kritiku ħafna tas-sistema edukattiva normali. Huwa kien jemmen li l-edukazzjoni għandha tibda mill-bżonnijiet reali ta' min ikun qed jitgħallem u mhux tbella' dak li trid. Huwa kien sensittiv ħafna għall-fqar u għal dawk bl-akbar bżonnijiet u kien jemmen bis-sħiħ li għandna x'nitgħallmu minnhom. Għalih l-edukazzjoni tkun qed taqdi dmirha meta teduka lill-persuna b'mod sħiħ, jiġifieri min qed jitgħallem mhux jiżviluppa biss fl-intelliġenza, imma anki fl-aspetti umani, soċjali u ta' ċittadinanza wkoll. Permezz t'hekk kull ċittadin ikun aktar konxju tad-dinjità tiegħu/tagħha. Iċ-ċittadin bħal kulħadd għandu jkun *empowered* biżżejjed u kapaċi li jipparteċipa fl-aspetti tal-ħajja politika u soċjali u li jaf jiddefendi d-drittijiet tiegħu/tagħha.



*Is-Sindku, is-Sur Joe Attard qed jippreżenta it-Trophy u l-Medalja lil Fr. Vince Magri fl-okkażjoni ta' 'Ġieħ iż-Żejtun 2015'*

S'intendi l-isfida għalina hija li nsarrfu xi ideat ta' Paulo Freire fil-kuntest u l-kultura Maltija. Dan aħna qed nagħmluh speċjalment fil-qasam tal-litteriżmu... jiġifieri fit-tagħlim ta' kull min għadu batut fil-lingwi, speċjalment fil-Malti u l-Ingliż. Ngħallmu l-literiżmu fl-informatika bażika, jiġifieri fit-tagħlim tal-kompjuters u suġġetti oħra. Is-servizz tagħna huwa indirizzat lit-tfal li għandhom diffikultajiet partikolari l-iskola, u anki lill-adulti. Fil-każ tal-adulti mhu qatt tard li titgħallem, speċjament biex itejbu l-opportunitajiet tal-impjieg u l-għixien tagħhom. Fid-dinja tal-lum qed isir diffiċli li ssib xogħol li jrendi salarju tajjeb jekk ma jkollokx edukazzjoni bażika, jiġifieri li tkun taf almenu tikteb u taqra bil-lingwi ewlenin.

Ħafna drabi fejn insibu nuqqas fl-edukazzjoni bażika ser insibu wkoll problemi ta' natura soċjali. Għalhekk biex fil-PFI nindirizzaw dawn il-problemi għandna servizz professjonali ta' *Social u Community work*. Dan is-servizz huwa milħuq b'faċilità mill-membri tal-komunità.

Il-PFI ħa sehem f'diversi proġetti Ewropej, speċjalment biex fis-soċjetà tagħna nuru aktar rispett u tolleranza għal dawk ta' kulturi differenti. Ħadna sehem ukoll fi proġett fejn ħloqna kors ta' *parental skills* għall-ġenituri li għandhom tfal, żgħażagħ u adolexxenti.

B'finanzjament Soċjali tal-Ewropa (ESF) ħloqna biċċa għodda għat-tagħlim tal-Malti lill-adulti li semmejnieh "Iċ-Ċavetta", propju għaliex nemmnu li l-edukazzjoni hija ċ-ċavetta li tiftaħ opportunitajiet biex tikber personalment u anki sabiex dak li jkun itejjeb il-kundizzjoni soċjali u ekonomika tiegħu/tagħha. L-edukazzjoni f'sens wiesgħa tista' tikkunbatti l-faqar u l-esklużjoni soċjali u twassal fit-tisħiħ ta' soċjetà fejn ir-raġuni u d-djalogu jwasslu għal aktar tkattir ta' ġustizzja u sliem.

L-għan tal-ħidma tal-PFI huwa li l-persuni li jitolbu l-għajnuna ma jibqgħux dipendenti, iżda li jikbru u jiżviluppaw il-ħilitiet tagħhom. Nemmnu li l-persuni li jitolbu l-għajnuna għandhom ikunu kapaċi li jieħdu r-riedni ta' ħajjithom f'idejhom.

F'isem ħuti l-Ġiżwiti, nixtieq nirringrazzja l-poplu Żejtuni tal-appoġġ li tawna biex inġibu 'l quddiem il-ħidma tagħna. Grazzi lis-Sur Sindku, Mr Joe Attard u l-Kunsilliera anki, għax urew l-apprezzament tagħhom billi fis-sena 2007 ippremjaw lil Fr Edgar Busuttil SJ b'Ġieħ iż-Żejtun u din is-sena rripetew dan ir-rikonoxximent billi onoraw lid-Direttur preżenti, Fr Vincent Magri SJ bl-istess ġieħ.

Nagħlaq dan l-artikolett billi nuri l-gratitudni lill-familja ta' Dr. Alexander Cachia Zammit talli għal dawn l-aħħar 15-il sena operajna mid-dar tat-tabib wara l-Knisja biex iservi bħala Ċentru tal-ħidma tagħna. Minn April ta' din is-sena l-PFI trasferixxa l-operat tiegħu fid-dar li kienu jgħixu fiha s-sorijiet ta' *Daughters of the Sacred Heart*, f'Dar il-Kenn, 76, Triq Sant Anġlu.

Nirringrazzja wkoll lill-voluntiera u lill-ħaddiema li matul dawn is-snin offrew jew li qed jagħtu s-servizz tagħhom fil-PFI. Mingħajrhom ma nistgħux nippjanaw għall-futur, u lanqas ma nistgħu nilħqu l-għanijiet tagħna.

Min jaħseb li jista' jibbenefika mis-servizzi jew li jkun jista' jagħti servizzi li qed noffru nitolbuh jiġi saċ-Ċentru jew iċempel in-numri 21694583/99864561 għal aktar informazzjoni.